MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2008

Numru. 574/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Edel Mary Camilleri)**

**v**

**Ali Mohammed Hassan ta’ 37 sena**
**ta’ nazzjonalita’ Libjana mwieled**
**Benghazi nhar is-27 ta’ Settembru, 1969,**
**residenti Ta’ Kandja, bla passaport,**
**maghruf bin-numru ta’ identifikazzjoni**
**ta’ l-immiggrazzjoni 06AC-018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Ali Mohammed Hassan li gie akkuzat talli:

(i) nhar it-8 ta' Lulju, 2007, gewwa c-centru ta' Akkomodazzjoni f'Ta' Kandja, Siggiewi, Malta ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Adel Hassan Ali skond ma ccertifika Dr Mark rossi tal-poliklinika tal-Floriana, Malta u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiiet ta' Malta.

(ii) Kif ukoll talli f'April, 2007 u x-xhur ta' wara, gewwa c-centru ta' akkomodazzjoni f'Ta Kandja, Siggiewi, Malta b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza attenta jikkommetti stupru fuq persuna, u cioe fuq il-persuna ta' Adel Hassan Ali, u dan bi ksur tal-artikoli 18, 41 u 198 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

(iii) Kif ukoll talli f'April, 2007 u fix-xhur ta' wara, gewwa c-centru ta' akkomodazzjoni f'Ta' Kandja, Siggiewi, Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, attenta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Adel Hassan Ali, u dan bi ksur tal-artikoli 18, 41 u 207 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

(iv) Kif ukoll talli nhar it-8 ta' Lulju, 2007, gewwa c-centru ta' akkomodazzjoni f'Ta Kandja bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-Pulizija prezenti, weggaghhom bi kliem, b'gesti, kitba b'disinni jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-artikoli 338bb u 342 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(v) U akkuzat ukoll talli sar recidiv billi kien instab hati ta' reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat A. Micallef Trigona LL. D. datata 25/01/2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

(vi) U akkuzat ukoll talli kiser sentenza sospiza waqt l-istadju operattiv taghha u cioe sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr Lawrence Quintano LL. D.) datata 10/05/2006 liema sentenza saret definittia u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe 221, 18, 41, 198, 207, 338 (bb), 342, 49, 50, 339(1)(c) tal-Kapitlu 9.

Rat li moqrija l-artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (fol 97).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti se tibda biex tezamina l-akkuza pprospettata taht l-artikoli 338(bb) u 342 tal-kapitlu 9. L-akkuza nnifisha titkellem dwar id-data tat-8 ta' Lulju, 2007, vide akkuza numru (iv). Zewg xhieda tressqu f'dan ir-rigward dik tax-xhieda ta' PC 83 Emanuel Sciberras u ta' PS 1243 George Polidano.

Min-naha tieghu Sciberras jirrakkonta l-grajja tas-7 ta' Lulju, 2007 fejn immigrant ghajjar lil pulizija bil-familja taghha. Ma gharafx dan l-immigrant. Min-naha l-ohra Polidano xehed li kien l-akkuzat illi kien hekk offenda lil dawn il-pulizija fis-7 ta' Lulju, 2007. L-ghada klandestin iehor indikalu li kien l-istess akkuzat illi kien tah daqqa bir-ras. Fiz-zewg okkazjonijiet Polidano indikalu lill-akkuzat. Il-Qorti qeghda ghaldaqstant issibu hati tar-reati kkontemplati taht l-artikolu 338 (bb) 342, 339(1)(c) tal-Kapitlu 9.

Illi fil-konfront ta' l-akkuzi taht ir-reati 221, 18, 41, 198, 207 tal-Kapitlu 9 ix-xhud primarju huwa immigrant iehor certu Adel Hasan Adi.

Tkellem dan ix-xhud il-fatt li l-akkuzat ikkagunalu trawma psikologika dan minhabba l-fatt li kien ilu jsegwih ghal xahrejn gewwa d-docca. Spjega li hu, cioe l-akkuzat, kien isegwih god-doxxa filghaxija ghax hawn id-doxxa kienet tkun aktar libera, u b'xafra kien jimminaccjah b'hajtu jekk ma kienx se jhallih ikollu relazzjoni sesswali mieghu. Spjega li dan l-atteggjament min-naha ta' l-akkuzat lejn beda meta kien irritorna lura minn Monte Carmeli. Jghid li f'okkazjoni minnhom l-akkuzat mhux talli mminaccjah pero' anke tah daqqa bir-ras, kien hawn li ntilef minn sensih. Jghid li ttiehed il-poliklinika u hawn

huwa qal anke lit-tabib b'attentat ta' stupru fuqu. Jghid li hu sab il-kuragg li jitkellem fuq l-attenat ta' stupru meta l-akkuzat tah id-daqqa bir-ras ghax qabel kien jisthi jiftah halqu fuq dak li kien qed jigrilu.

Spjega li l-attentat ta' stupru dejjem kien isir meta kien imur jiehu doxxa u l-akkuzat kien jaghmel dan bl-uzu ta' xafra f'idu l-leminija u b'idu l-ohra kien imisslu l-warrani tieghu. Jghid li d-daqqa tar-ras tahilu, fil-fehma tieghu, talli wara ghaxar attentati fuqu tilef l-isperanza. Jghid li baqgha jimminaccah anke sal-bierah, minacci b'hajtu.

Dr Mark Rosso fil-fatt ikkonferma li mar Adel Hasan Ali ghandu mil-lock up ta' Ta' Kandja fit-8 ta' Lulju, 2007. Spjega l-griehi sofferti mill-istess Adel Hasan Ali (vide Dok MR fol 88). Jghid li l-istess parte leza anke ilmenta mieghu dwar l-avvanzi sesswali li saru fuqu. Jghid li anke irrefera lill-parte leza b'mod urgenti lill-psychiatric outpatients. Ic-certifikat HA1 folio 49 mahrug minn Dr Mark Rosso jiddeskrivi l-griehi sofferti minn Adel Hasan Ali bhala ta' natura hafifa.

Dr Samuel Aquilina kkonferma illi l-imsemmi Hasan Adel Ali gia kien qed jigi kkurat ghal depression gia minn Mejju, 2007 u li ghalkemm gie riferut ghandhom fid-9 ta' Lulju, 2007 (Dok HA folio 49) qatt ma kien infurmat b'xi incident ghala gara dan. Ikkonferma pero' li Adel Hasan kien gie ilu ibati minn depression u anzjeta'.

L-akkuzat innifsu rrilaxxa stqarrija lill-Pulizija Nvestigattiva u anke ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti viva voce.

Fl-istqarrija ammetta li hu verament ta daqqa ta' ponn lil Adel Hassan Ali ghax offendieh b'ommu u missieru u ghalkemm ghal diversi drabi widdbu biex ma jersaqx lejn is-sodda tieghu xorta baqgha jaghmel hekk. Innega li hu qatt ghamel xi attakki jew avvanzi sesswali lejn u versu Adel Hassan Ali.

Viva voce xehed illi gewwa ta' Kandja kien hemm biss zewg showers ghal kwazi erbghin (40) persuna. Spjega illi huwa r-rifugjati kienu jinqasmu b'zewg xiftijiet dawk li

kienu joqdu matul il-lejl u ohrajn matul il-guranta – hekk kien jinqaqsam l-uzu ta' dawn id-docci. Spjega b'hekk in-nuqqas ta' privatezza li kien hemm f'dawn id-dormitorji li fihom kienu mqeghda dawn ir-refugjati. Ammetta illi hu tah daqqa ta' ras talli wara li widdbu diversi drabi baqgha jersaq lejn is-sodda tieghu. Spjega li hu ma riedx lil dan Hasan hdejh ghax ken jiggakbina lin-nies.

Spejga dwar litigju li kellhom fuq it-television u li dan Hasan offendieh bil-genituri tieghu. Jghid li hawn intilef, tah daqqa ta' ras, ferrquhom in-nies. Spjega li Hasan ivvinta din l-istorja fuqu gialadarba keccieh kemm il-darba minn hdejh, tant li wara li tah id-daqqa kien xi jumejn wara li mar jaghmel statement kotnra tieghu dwar l-istupru ma' l-Ispettur Camilleri. Qal ukoll dwar in-nuqqas ta' privatezza li tezisti fix-showers illi:

"Fix-shower ma tistax ghax hemm hekk purtiera. Jekk tidhol fix-shower ghandek xi tnejn jew tlieta barra jistennew sakemm tlesti x-shower u jidhol l-iehor. Jigifieri ma ghandekx cans taghmel dawk l-affarijiet." (fol 108 ).

In difiza ttellghu ukoll jixhdu certu Said Salem Said u Moktar Smam. Said tkellem li hu kien jaqsam kamra ma' l-akkuzat u Hassan Ali. Qal li l-akkuzat kien ta' spiss ikecci lil dan Hassan minn hdejn is-sodda tieghu b'dan pero' li Hassan jibqa' jippersisti li jibqa' jaghmel dan. Spjega wkoll l-incident tat-television u kien hawn li Hassan offenda l-akkuzat bil-genituri tieghu, l-akkuzat ghalhekk tah daqqa bir-ras. Spjega l-layout tax-showers, cioe shower li fih erbgha toilets u tliet sinkijiet u f'dawn is-servizzi jridu jinqdew fi zmien l-incident xi hamsa u erbghin ruh (45). Jghid li hawn m'hawnx bibien jinghalqu imma biss purtieri. F'din il-lokalita' jinhaslu anke l-hwejjeg tar-rifugjati.

Min-naha tieghu Moktar Sman xehed li hu kien rieqed, sema' l-hsejjes u kull ma ra kien lill-akkuzat u l-parte leza jillitikaw anzi jiggieldu hdejn it-television.

Ikkonsidrat

Illi certament fl-incident bejn l-akkuzat u Hasan Ali l-parte leza zgur li ma kien hemm hadd prezenti. Fil-fatt il-Qorti tista' facilmetn tistrieh fuq ix-xheida ta' l-aktar minnhom kredibbli. Pero' fic-cirkostanzi ma tistax din il-Qroti ma turix dubju f'dak li xehed il-parte leza. Il-lokalita' tal-fond fejn suppost graw dawn l-attentati ta' stupru xejn ma jiffavorixxi l-verzjoni tal-parte leza. Apparti ghall-ftt li l-akkuzat ammetta il-griehi li kkaguna fuq il-parte leza dawn ikkonfermati mix-xhieda in difiza.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tillibera lill-akkuzat mir-reati kkontemplti fl-artikoli 18, 41, 198, 207 tal-Kapitlu 9 ghax tqis li dawn ma gewx pruvati.

Tqis li huwa hati ta' griehi hfief u dan wara li rat l-artikolu 221 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll is-sentenzi esebiti dwar ir-recidiva kif ukoll ix-xhieda dwar l-istess ta' l-Ispettur Ramon Mercieca u l-Ispettur Nezren Grixti, rat il-fedina penali tieghu u rat l-artikolu 31, 49, 50 tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' xhur li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------